MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 341/2003

**Middlesea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Josephine Borg, skond il-polza tat-tip comprehensive**

**Vs**

**Alan Mifsud**

**It-Tribunal**
Ra l-Avvizipprezentat fis-7 ta' Frar 2003 li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm858.20c) u dan rapprezentanti danni sofferti mill-assigurata Josephine Borg u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici a bazi tal-polza tat-tip *comprehensive* bhala rizultat t'incident awtomobilistiku li sehh fid-9 t'Awissu 2000 gewwa Triq St Andrews, San Giljan bejn il-vettura ta' Josephine Borg bin-numru ta' registrazzjoni FBH 542 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni KPH 001 liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba imperizja,

negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ghalkemm debitament interpellat li jhallas l-ammont dovut il-konvenut baqa' nadempjenti.

Illi l-konvenut irrisponda li l-incident *de quo* ma garax tort tieghu izda unikament bi htija ta' Josephine Borg li kienet qed issuq il-vettura assigurata mas-socjeta' attrici u ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' attrici ghandha ggib prova tad-danni pretizi.

Ra x-xhieda traskritta ta' PS 547 Martin Agius u ta' Josephine Borg u sema' x-xhieda ta' Charlene Borg, Rosette Calafato u tal-konvenut.

Ra l-atti tal-kawza u sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi l-incident in kwistjoni sehh fi Triq St Andrews f' San Giljan u l-vetturi in kwistjoni kienu mexjin fl-istess direzzjoni, t-tnejn gejjin min-naha ta' St Andrews sejrin lejn San Giljan. L-incident sehh f'dik il-parti ta' Triq St Andrews li tigi bejn it-*traffic lights* u l-entratura ghall-*ground* tal-Luxol, qabel il-*bus stop* biswit fejn hemm banka tal-lottu.

L-assigurata tas-socjeta' attrici ssostni li l-incident sehh waqt li bintha Charlene Borg kienet qed issuq il-vettura FBH 542 u f'daqqa wahda gie *truck* KPH 001 minn warajha u waqt li kien qed jaghmel manuvra ta' surpass, laqat il-parti ta' quddiem tal-vettura misjuqa minn Charlene Borg. Hija spjegat illi dan gara ghaliex it-*truck* kien qed jaghmel din il-manuvra ta' surpass u kien qieghed fuq *double white line* u billi kien hemm traffiku gej fuq id-direzzjoni opposta, gibed 'il gewwa u b'hekk rass il-vettura misjuqa minn Charlene Borg.

Il-konvenut ta verzjoni differenti. Huwa xehed li kien gej minn Bahar ic-Caghaq sejjer fid-direzzjoni lejn San Giljan u li kien hemm serbut ta' traffiku miexi bil-mod. Quddiemu u warajh kien hemm vetturi ohrajn u hu kien miexi warajhom izda f'hin minnhom il-vettura misjuqa minn Charlene Borg giet minn gewwa u ppruvat taqbzu min-naha ta' gewwa izda b'rizultat t'hekk hi laqtet il-vettura tieghu. Hu ma rax il-vettura ta' Borg qabel l-incident. Intebah bl-incident billi l-ewwel sema' *horn* u mbaghad induna bil-habta.

Huwa evidenti li bejn il-verzjonijiet moghtija minn Josephine u Charlene Borg mill-banda 'l wahda u minn Alan Mifsud mill-banda l-ohra hemm kunflitt.

F'din il-kawza l-atturi qieghdin jibbazaw il-pretenzjonijiet taghhom fuq id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili fis-sens illi "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". Illi ghalhekk l-atturi jridu jgibu prova sufficjenti ghal dan it-Tribunal biex juru li l-konvenut kien negligenti fis-sewqan tieghu. Dan mhux kaz ta' *res ipsa loquitur* jew fejn l-oneru tal-prova jinverti ruhu *ope legis*.

Illi ghalhekk il-piz tal-prova tispetta lill-atturi u f'kaz li dan il-piz ma jigix meghlub, it-Tribunal ma jkollux alternattiva hlief li jiddeciedi l-kawza b'ezitu kontra taghhom fuq insufficjenza ta' provi.

Dan kollu premess, it-Tribunal jaghmel referenza ghar-*Road Accident Report* maghmul mill-pulizija fejn hemm fis-succint il-verzjonijiet li taw iz-zewg sewwieqa fil-hin ta' l-incident:

Charlene Borg qalet li kienet niezla minn Triq St Andrews meta tat-truck ipprova jaqbizha u rassha mal-hajt.

Alan Mifsud, il-konvenut qal li kien niezel minn Triq St Andrews minn fejn hemm it-*traffic lights* u kien hemm FIESTA quddiemu izda f'hin minnhom sema' hoss u daqq ta' *horn* u sab karozza fuq in-naha ta' gewwa.

Dawn iz-zewg verzjonijiet bejn wiehed u iehor jikkombacjaw mal-verzjonijiet ta' dak li xehdu z-zewg sewwieqa f'dawn il-proceduri.

Xehdet ukoll Josephine Borg, li tigi omm Charlene Borg, li kienet riekba fil-karozza maghha u x-xhieda taghha tikkombacja ossija tikkorrobora x-xhieda ta' Charlene Borg.

Pero' t-Tribunal jidhirlu li fattur li ma jistax jigi njorat huwa n-natura tal-hsarat sofferti fil-vettura ta' Josephine Borg. Mix-xhieda prodotta, u dan anke kif ammess mill-konvenut, fin-naha tal-lemin tal-vettura ta' Josephine Borg kien hemm hsara mill-*mudguard* ta' quddiem u testendi sal-bieba ta' wara d-driver.

Jirrizulta wkoll illi l-hsara saret minn wara ghal quddiem u mhux minn quddiem ghall-wara. Z-zewg vetturi spiccaw imissu ma' xulxin u l-parti li kienet qed tmiss kienet il-parti ta' quddiem cjoe' l-parti tal-*mudguard* ta' Josephine Borg li kienet qed tmiss mal-*hub cap* tar-rota tat-truck.

Illi ghalhekk huwa evidenti li fil-mument ta' l-impatt, it-*truck* misjuq minn Alan Mifsud, kien qed jinstaq b'aktar velocita' milli kienet qed tigi misjuqa l-vettura minn Charlene Borg.

Illi ghalhekk il-verzjoni moghtija minn Alan Mifsud m'hijiex verosimili u ma jistax ikun illi, tenut kont in-natura tal-hsarat fil-vettura ta' Charlene Borg, li din il-vettura kienet qed taghmel manuvra ta' surpass min-naha ta' gewwa tat-*truck*. Huwa aktar verosimili u probabbli li, kif xehdet Charlene Borg u korroborata minn ommha, li effettivament l-incident sehh meta t-*truck* misjuq minn Alan Mifsud kien qed jaghmel manuvra ta' surpass tal-vettura misjuqa minn Charlene Borg u li kien hu li rass lilha u mhux vice versa.

Illi ghalhekk jirrizulta sufficjentament ippruvat li fil-mument ta' l-incident kien il-konvenut li qed jaghmel manuvra ta' surpass.

Jirrizulta wkoll li l-konvenut billi huwa kien qed jaghmel din l-manuvra ta' surpass f'post li huwa skonsiljat stante illi, kif

anke jammetti hu stess, fit-triq in kwistjoni hemm *bottle neck*. Aktar ‘il fuq minn fejn kienu gejjin il-vetturi hemm zewg *lanes* izda dawn jidjiequ ghal *lane* wahda u mbaghad jergghu jifthu. L-impatt kien qrib il-*bottle neck*.

Certament ma kienx konsiljat li ssir manuvra ta’ surpass f’dak il-mument.

Minn kif spiccaw il-vetturi wara l-incident jidher li l-vettura ta’ l-assigurata ta’ l-attur kienet vicin hafna l-hajt ta’ gewwa u ghalhekk ma tantx kellha fejn tmur. Illi ghahekk jirrizulta car li waqt il-manuvra ta’ surpass kien it-*truck* li rass il-vettura ta’ Borg.

Waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur tal-konvenut irrimarka li l-vettura ta’ Borg kienet angolata u cjoe’ ppuntata lejn it-*truck* u li skond hu dan kien ifisser li ma kienetx qed tinstaq fid-dritt. Skond it-tielet ligi ta’ Newton, ghal kull azzjoni hemm reazzjoni ugwali w opposta. B’applikazzjoni ta’ din il-ligi ghall-incident de quo wiehed jista’ jissoponi li qabel il-habta t-*truck* rass lil Borg u Borg ippruvat tiehu azzjoni evasiva u hakket mal-hajt u li ghalhekk daret ‘il barra u b’hekk spiccat hekk ippuntata u tmiss mat-*truck*. Dan qed jinghad ghaliex is-sottomissjoni tal-konvenut m’hijiex ta’ konfort ghalih u li f’kull kaz, il-fatti minnu msemmija jibqghu jaghtu lok ghal interpretazzjoni differenti.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li gie sodisfacentement ippruvat li l-kollizjoni grat unikament htija tal-konvenut waqt li kien qed jaghmel manuvra skonsiljata ta’ surpass liema manuvra ma gietx debitament espletata.

Ghar-rigward tad-danni, skond ir-*Road Accident Report*, il-hsarat sofferti fil-vettura misjuqa minn Charlene Borg huma konsistenti fis-segwenti “*front right side, mudguard and door*”. Jekk wiehed jezamina r-rapport li l-assigurata ghamlet, hija ssemmi li l-hsara wkoll grat *on the right hand side all throughout* u fil-fatt dan gie ndikat ukoll fuq il-vettura li hemm fuq l-istess formola a fol 40 tal-process.

Mill-ircevuti esebiti jidher li l-atturi qed jitolbu kumpens ukoll ghall-hsara fil-*left hand side*. Illi ghalkemm m'hemmx dubju li d-danni koncernanti r-*right hand side* huma dovuta, saret kontestazzjoni dwar dawk fil-*left hand side*.

Ma xehed l-ebda *surveyor* u x-xhieda ta' Borg ma tinsabx korroborata mir-rapport tal-Pulizija. Ghalkemm hemm provi li saru riparazzjonijiet fil-*left hand side* tal-vettura m'hemmx provi sodisfacenti ghal dan it-Tribunal li effettivament id-danni mitluba sehhew proprju minhabba l-incident de quo. Huwa minnu li aktar 'il fuq it-Tribunal spjega li l-vettura ta' Borg setghet hakket mal-hajt tan-naha ta' gewwa izda, xorta jibqa' l-fatt li m'hemmx prova sodisfacenti li bl-incident *de quo* effettivament sehhew il-hsarat attwalment mitluba f'din l-kawza.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li mill-ammont mitlub ghandu jitnaqqas il-valur tar-riparazzjoniiet tal-*left hand side* tal-vettura. Minn ezami tad-dokumenti jidher li kien hemm ghaxar liri Maltin (Lm10) ghall-*parts* u l-*pro-rata panel beating* u *spray arbitrio et bono viri* ammontanti ghal mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) biex b'hekk il-hsara fuq il-*left hand side* ggib it-total ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130). Din is-somma trid tigi mnaqqsa mill-ammont mitlub ta' tmien mija u tmienja u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm858.20c) u konsegwentement it-talba attrici qed tigi akkolta ghas-somma kif ridotta ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm728.20c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddiciedi illi l-incident gara unikament tort tal-konvenut izda fir-rigward tal-*quantum* it-talba attrici qieghda tigi akkolta limitament ghas-somma ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm728.20c) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez ikunu kwantu ghal wiehed minn sebgha (1/7) ghall-atturi u sitta minn sebgha (6/7) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------